RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F51**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis 6 ta' Dicembru 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F50**

1.01 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F50 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Odette Manicaro. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F50

**2.00 Korrezzjonijiet F50**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. Korrezzjonijiet F50

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F50**

** Il-Kunsillier Rudolf Grima u Robert Micallef dahhlu ghal-laqgha fis-7.17p.m



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | 3.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-Kunsill johrog kwotazzjoni jew *tender* ghall-*Embellishment* tal-Monument ta' San Guzepp. Il-Kunsillier Robert Micallef issekonda din il-proposta.<br><br>Il-Kunsillier Rudolf Grima saqsa jekk ir-*roundabout* tal-monument ta' San Guzepp kienx taqa kollha taht il-konfini tal-Kunsill tar-Rabat, jew inkella nofs mal-konfini tal-Kunsill tal-Mdina u nofs mal-konfini tal-Kunsill tar-Rabat.<br>Is-Sindku Alexander Craus wiegeb li l-imsemmija *roundabout* kien taqa kollha taht il-konfini tal-Kunsill tar-Rabat. | *Embellishment* tal-Monument ta' San Guzepp |
| **4.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza** | |
| 4.01 | Is-Sindku nforma l-laqgha li l-*Bye-Law* dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet, attivitajiet u hargiet issa kienet giet ippublikata. | Bye-Law dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet, attivitajiet u hargiet |
| ** | Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jigi skuzat fis-8.19 p.m. | |
| 4.02 | Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li l-Kunsill kien ircieva d-decizzjoni tal-Bord ta' l-Appell, li l-appell dwar it-*Tender* RLC/T/112/2012 ghal provvista u installazzjoni ta' pannelli fotovoltaici kien intrebah mill-Kunsill. | *Appell dwar it-Tender* RLC/T/112/2012 ghal provvista u installazzjoni ta' pannelli fotovoltaici |
| 4.03 | Is-Sindku Alexander Craus qal li kien rega wasal iz-zmien biex issir il-laqgha tal-lokalita`. Huwa talab lil kunsilliera biex jibghatu l-proposti taghhom dwar l-Pjan ta' Hidma ghas-sena li gejja.<br><br>Il-Kunsill qabel unaminament li l-laqgha tal-lokalita' ssir nhar it-Tnejn, 7 ta' Jannar fis-6.00p.m | *Laqgha tal-Lokalita`* |
| 4.04 | Is-Sindku ippropona li l-budget 2013 jinhaddem fuq l-allokazzjoni moghtija lil Kunsill fis-sena 2012 u dan minhabba li l-budget tal-gvern centrali kien ghadu m'ghadiex mil-parlament. Il-Kunsill qabel unanimament | Budget 2013 |
| 4.05 | Is-Sindku Alexander Craus spjega li wara li kienet inharget sejha gdida ghall-kwotazzjoni Ark 21/12 tal-Progett Archaeotur dwar kompetizzjoni tal-arti, din id-darba hadd ma kien wera interess. Hu qal li l-Kunsill kien ser jitlob permess lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex dan ix-xoghol isir b'*direct order.* | Sejha gdida ghal kwotazzjoni tal-Progett Archaeotour-kompetizzjoni tal-arti. |
| 4.06 | Is-Sindku pprezenta t-*tender* RLC/T/120/2012 - *Playing field* ta' Misraħ Patri Martin Caruana, Bahrija. Huwa spjega li l-offerti infethu nhar it-Tlieta 4 ta' Dicembru bi procedura normali, u li l-offerti gew ivverifikkati li jissodisfa l-kriterji kollha mehtiega.<br><br>Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-Kunsill jitlob lil perit tal-Kunsill – is-Sur Daniel Micallef sabiex ihejji rapport ta' aggudikazzjoni qabel dan *it-tender* jigi diskuss u deciz. Il-Kunsill qabel unanimamnet. | *Tender* RLC/T/120/2012 - *Playing field* ta' Misraħ Patri Martin Caruana, Bahrija. |
| 4.07 | Il-Sindku nforma l-laqgha li l-Fondazzjoni Majjistral kienet ser torganizza *Grand Culinary & Crafts Christmas Festival* bejn is-7 u d-9 ta' Dicembru. Huwa qal li | *Grand Culinary & Crafts Christmas Festival* |

huma membri f'din il-fondazzjoni.

4.08 Is-Sindku Alexander Craus ghamel referenza ghal *tender* RLC/T/107/2012 - għat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun u *tender* RLC/T/106/2012 għat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita. Is-Sindku ppropona li l-kuntratturi prezenti ghandhom jigu ezentati mil-hlas tad-dawl u l-ilma ta' dawn il-latrini u dan peress li fil-kuntratt taghhom hemm stipulat li l-kuntrattur irrid jaghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjes. Ir-raguniiet moghtija mis-Sindku kienu li l-latrina ta' Bir l-Iljun kif ukoll l-gnien kienu imqabbad fuq arlogg tad-dawl wiehed, filwaqt li l-latrina ta' Triq Santa Rita u xi *floodlights* tat-triq kienu mqabbda fuq arlogg tad-dawl wiehed ukoll.

Kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-latrina ta' Bir l-Iljun u Triq Santa Rita.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sna. Orietta Masini Cardona spjegat li s'issa z-zewg kuntratturi kienu ghadhom qatt ma ircevew kontijiet tad-dawl u l-ilma u dan minhabba li l-latrini m'ghandhomx arloggi tad-dawl specifikament ghal konsum taghhom biss. Hija gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li klawsoli f'kuntratt ta' *tender* ma jistghux jigu mibdulha.

Il-Kunsill ma qabilx li l-kuntratturi ghandhom jigu ezentatti milli jhallsu l-kontijiet tal-ilma ghaliex il-problema kienet dwar l-arlogg tad-dawl u mhux tal-ilma. Il-Kunsill qabel li z-zewg kuntratturi jigu ezentatti milli jhallsu il-kontijiet tad-dawl.

4.09 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li t-tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq St. Antnin seta jsir ghax t-tabelli issa kienu lesti. Il-Kunsill qabel li dan it-tibdil jidhol fis-sehh min nhar it-Tnejn 24 ta' Dicembru.

Tibdil fis-sistema ta' traffiku fi Triq St. Antnin.

4.10 Is-Sindku Alexander Craus informa l-laqgha li waqt x-xoghlijiet li kienu qed issiru fi Triq Doni l-Qadima, l-wicc tat-Triq il-Mithna sarilha diversi hsarat bl- ingenji li kienet jihallew f'din it-triq  Hu qal li billi din kienet triq zghira, fil-mument kien iddecida li din tinghat wicc gdid ukoll.

*Resurfacing* fi Triq il-Mithna

4.11 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li f'Jannar li gej issir 'extensive patching' Gnien is-Sultan, Bieb ir-Ruwa, Landrijiet u d-Dwejra.  Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel.

*Extensive patching* Gnien is-Sultan, Bieb ir-Ruwa, Landrijiet u d-Dwejra

**5.00 Komunikazzjoni mil-Kunsilliera**

5.01 Il-Kunsillier Odette Manicaro gibdet l-attenzjoni li fi Triq l-Kullegg quddiem il-forn ta' Falzon qed ikun hemm diversi tankijiet barra li qed jostakolaw il-parkegg.

Tankijiet fi Triq il-Kullegg

5.02 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li issir UBar fi Triq il-Kullegg faccatta tal-hanut tal-laham Chef Choice. Il-Kunsill qabel li jikteb lil TM.

*UBar* fi Triq l-Kullegg

**6.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

6.01 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamlet referenza ghall-pagament bin-numru 5099 dovut li *Jaguar Garage*. Hi nfurmat il-laqgha li dan il-pagament ma jistax issir u dan minhabba li din l-kwotazzjoni tghid li dan is-servizz ghandu jinghata biss darbtejn fil-gimgha. Il-Kunsill qabel.

Pagament numru 5099

6.02 Is-Sindku Alexander Craus talab li jinhareg il-pagament dovut lis-Sur John

Hrug ta' pagamenti dovuti lis-Sur John

| | | |
|---|---|---|
| 6.02 | Is-Sindku Alexander Craus talab li jinhareg il-pagament dovut lis-Sur John Azzopardi li jammonta ghal €250.00 u lis-Sur Joseph Grech li jammonta ghal €1,100.00, imbaghad jiddahhlu fl-iskeda tal-pagamenti li jmiss. Dan minhabba li dawn il-pagamenti ma lahqux iddahhlu mal-iskeda tal-hlasijiet numru 215. Il-Kunsill approva. | Hrug ta' pagamenti dovuti lis-Sur John Azzopardi u s-Sur Joseph Grech |
| 6.03 | Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 215 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. | L-iskeda tal-hlasijiet numru 215 |
| **7.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv Bahrija A23** | |
| 7.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA Bahrija A23 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Odette Manicaro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Bahrija A23 |
| **8.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` A25** | |
| 8.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu` A25 jittiehdu bhala moqrija. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Virtu` A25 |
| **9.00** | **Memo 45/2012 - Skema Inizjattivi Specjali 2013** | |
| 9.01 | Il-Kunsill iddecieda li ghandna napplikaw ghal din l-iskema. Minkejja dan izda, kien hemm qbil li jkunu s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv li jaraw feju u ghall-liema progett japplikaw skond il-htigijiet tal-Kunsill. | Memo 45/2012 - Skema Inizjattivi Specjali 2013 |
| **10.00** | **Memo 49/2012 - Skema Inizjattivi Sportivi 2013** | |
| 10.01 | Il-Kunsill iddecieda li ma napplikawx ghal din l-iskema. | Memo 49/2012 - Skema Inizjattivi Sportivi 2013 |
| **11.00** | **Aggornament** | |
| 11.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 10 ta' Jannar 2013 fis-7.00 p.m. | Aggornament |
| 11.02 | Il-laqgha ntemmet fil-9.30 p.m | |

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**